MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Numru. 873/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Patrick Sciberras**

Il-Qorti **;**

Rat li l-imputat Patrick Sciberras ta’ 32 sena, mwieled 23/02/1978 San Pawl il-Bahar, bin il-mejjet Carmelo u Helen nee’ Sultana u residenti f’ no 541n Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 164478(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. F’dawn il-Gzejjer, fil-22 ta’ Awissu 2010 f’xi hin bejn nofs il-lejl u l-hamsa ta’ filghodu gewwa l-Qawra San Pawl

il-Bahar ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe PS 419 A. Buttigieg waqt li kien jaghmel jew minhabbali kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur ta’ Artikolu 95 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra cioe PS 419 A. Buttigieg u cioe persuna inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur ta’ Artikolu 96 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxenn jew indecenti li kien ukoll jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(bb) u 342 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PS 419 A. Buttigieg jew ma hallix jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

5. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

6. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ natura gravi Diane Zellner nee Ellul hekk kif kienet iccertifikata minn Dr. Bjorn Buhagiar MD Reg no 3020 ta’ Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 216(1) ta’ Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-Presidenti ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t’awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. Il-Qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati ta’

diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 t’Awwissu, 2010 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat l-Ordni tal-Avukat General esebit a fol. 8 tal-process u datat 23 ta’ Awwissu 2010 fejn ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta) fejn huwa ordna li l-imputat Patrick Sciberras jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-25 ta’ Awwissu, 2010 l-imputat ddikjara li ma’ kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala’ fit-22 ta’ Awwissu 2010 ghall-habta tal-4.45am fis-Supreme Bar, li jinsab fi Triq il-Pagell, Qawra, San Pawl il-Bahar fejn sid il-bar certu Emanuel Psaila cempel ghall-assistenza tal-Pulizija minhabba li kien inqala’ argument fil-bar tieghu bejn l-imputat u certu Diane Zellner nee’ Ellul. Diane Zellner li xehdet f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2010 qalet li hija kienet

dahlet fil-bar sabiex tixtri flixkun ilma u l-imputat li kien bil-qeghda mal-bar beda’ jittantaha u staqsiha jekk tridx taqsam mieghu ftit trab abjad u b’idejh ghamlilha sinjal ta’ linja u hija rrisponditu li ma kinitx interessata u harget il-barra izda huwa hareg warajha u gholla l-mejda u s-siggu li kienet bil-qeghda fuqu u hija spiccat habtet rasha mal-hajt fejn beda’ niezel id-demm ma rasha. Zellner qalet li s-sid tal-bar cempel lil Pulizija li gew mal-ewwel fuq il-post u meta immanettjaw lill-imputat huwa beda’ jaghti kemm jiflah mal-art. Zellner spjegat li l-griehi li kellha kienu f’rasha fil-crown. Mill-provi u senjatament mic-certifikat mediku nserit a fol. 35 tal-atti processwali u mix-xhieda ta’ Dr. Bjorn Buhagiar li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2010 jirrizulta li l-griehi sofferti minn Zellner kienu ta’ natura hafifa. Mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri mahtur permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Settembru 2010 wkoll jirrizulta li l-griehi sofferti minn Diane Zellner kienu ta’ natura hafifa.

PS 419 Anton Buttigieg li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta’ Mejju 2011 spjega li kienu rcevew talba ghall-assistenza mill-bar imsemmi aktar il-fuq u li meta huwa wasal fuq il-post l-affarijiet kienu kkalmaw izda meta huwa dahal gewwa l-bar u kien qed ikellem lill-propjetarji u jara x’kien gara l-imputat beda’ joffendih u jghajru u jheddu u dak il-hin qabad flixkun tal-birra u kompla jinsulentah u jistaqsih il-ghala kien mar hemm u imbaghad qallu li jekk kien ser johrog il-manetti kien ser jaqtalu rasu bil-flixkun. Is-Surgent spjega li sa dak il-hin huwa kien ghadu l-anqas biss kellem lill-imputat u kompla jispjega li meta huwa prova jikkalma lill-imputat dan qabad il-flixkun li kellu f’idejh u tefghu fid-direzzjoni ta’ Diane Zellner u huwa ghalhekk hareg il-pepper spray u sprejjah u meta l-imputat hassu ma’ wiccu dar f’daqqa u waqa’ mal-art u s-Surgent imbaghad immanetjah. Is-Surgent spjega li meta l-imputat ittiehed l-Ghassa gie mistoqsi dwar id-droga li kienet ghamlet referenza ghaliha Zellner u huwa qal li kellu pakket kokajina fil-but tal-qalziet liema droga kienet ghall-uzu personali tieghu. Dan il-pakkett bid-droga fil-fatt ma nstabx fil-qalziet tal-imputat izda nstab fuq is-seat tal-vettura tal-Pulizija li biha l-imputat ittiehed l-Ghassa tal-

Qawra. Dan il-pakkett gie esebit f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru 2010 u huwa mmarkat bhala Dok.Z1 u gie ezaminat mill-espert mahtur minn din il-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud fejn huwa ikkonkluda li s-sustanza misjuba fil-pakkett kienet id-droga kokajina[1]. PS 419 xehed ukoll li huwa ghall-aktar minn darba kien ordna lill-imputat sabiex jersaq lura u jnehhi l-flixkun minn idejh izda dan naqas mili jobdi dawn l-ordnijiet lilu moghtija.

Il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Zellner u minn PS 419 giet korroborata minn Emanuel Psaila, sid il-bar, u minn Lucille Camilleri li kienet tahdem fil-bar, li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tal-25 ta' Awwissu 2010.

Ikkunsidrat:

Illli fit-22 ta' Awwissu 2010 l-imputat irrilaxxja stqarrija wara li gie moghti l-fakulta' li jkellem avukat kif jirrizulta li ghamel mill-istess stqarrija fejn huwa sostna li kien qed jiehu drink f'bar il-Qawra u kien hemm tfajla mal-bar u huwa ofrilha drink u wara li gabulhom id-drinks huwa beda' jmissilha xaghrha u din f'daqqa wahda bdiet toffendih u qabdet tazza u laqtitu f'wiccu u huwa intilef u ma jafx aktar x'gara. Huwa jghid li jista' jkun li offrilha sabiex taqsam mieghu l-kokajina li kellu fuqu. Huwa qal ukoll li l-kokajina li instabet fil-pussess tieghu kien xtraha mill-pjazza ta' Bugibba ftit tal-hin qabel u kienet ghall-uzu personali tieghu. Huwa qal ukoll li dakinhar kien xorob hafna u kien ha zewg linji kokajina. Huwa sostna li ma jiftakarx li kien hedded lis-Surgent bil-flixkun u qal li kien jiddispjacih ghal dak li ghamel lis-Surgent. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 ta' Settembru 2011 fejn cahad li kien offra lil Zellner xi droga. Huwa qal li kien qed jilghab il-billiard fil-bar mat-tifel meta dahlet Zellner li kienet fis-sakra u qaltlu sabiex johorgu barra u mbaghad tefghatlu tazza u waqghet mal-art. Hwua qal li m'ghamlilha xejn. Huwa qal ukoll li meta gie PS 419 dan qabad u tefghalu il-pepper spray u arrestah mal-ewwel. Huwa qal li Zellner bdiet toffendih

[1] Ir-rapport tal-Ispizjar Mario Mifsud jinsab inserit a fol. 95 et sequitur tal-atti processwali.

b'missieru ghal xejn b'xejn u sempliciment ghaliex kienet fis-sakra.

Ikkunsidrat:

Illi jibda sabiex jinghad li l-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma ghandha l-ebda diffikolta' li temmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Diane Zellner u minn PS 419 stante li kif diga' intqal aktar  il-fuq dawn il-verzjonijiet gew pjenament korroborati minn Emanuel Psaila u minn Lucille Camilleri. Il-Qorti jidrilha li permezz tal-provi minnha migjuba l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-imputazzjonijiet kollha minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat salv li inkwantu jirrigwarda l-imputazzjoni tal-griehi kagunati lil Zellner mill-provi rrizulta li dawn effettivament kienu ta' natura hafifa. Inoltre in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni dwar traffikar tad-droga hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li t-traffikar kien ghal skopijiet ta' sharing biss stante li mill-provi rrizulta li l-imputat offra li jaqsam ma Zellner id-droga li kellu fuqu u mhux li jbieghilha din id-droga.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-fatt li mill-fedina penali tieghu jidher li huwa inghata l-opportunita' sabiex jirriforma ruhu izda jidher li huwa naqas milli juzufruwixxi minn din l-opportunita' u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 95, 96, 338(bb), 342, 338(ee), 338(dd) u 221 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 6 u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni mmarkata numru 6 huwa qed jinstab hati li kkawza griehi ta' natura hafifa u mhux ta' natura gravi u in kwantu jirrigwarda s-seba' imputazzjoni qed jitqies li t-traffikar kien 'trafficking by sharing' u tikkundannah tmien(8) xhur prigunerija u multa ta' hames mitt Ewro (€500).

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar(1) minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ hames mija u tlett ewro u seba’ u tmenin centezmu (€503.87) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti inoltre qed tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita waqt l-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2010 u mmarkata bhala Dok. Z1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------